# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 503/92 D1 NA**

**Glorianne Pace**

**vs**

**Fleur Mousu llum mart Dr. Gavin Gulia**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fejn ippremettiet:

"Illi fi-20 ta' Frar, 1992, il-partijiet kienu nvoluti f'incident stradali, bhala risultat ta' liema l-attrici sofriet danni, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-incident in kwistjoni sehh f'Mosta Road, Lija, u ghalieh kienet tahti unikament il-konvenuta bhala risultat ta'

negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti;

Illi ghalkemrn interpellata b'ittra bonarja tal-14 ta' April, 1992, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi-20 ta' Frar 1992, f'Mosta Road, Lija kifssuespost;

2. tillikwida d-danni sofferti bhala risultat tal-imsemmi incident:

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 la' April. 1992, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Fleur Mousu' li eccepiet bir-rispett illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt illi l-eccipjenti mhijiex responsabbli ghall-

incident awtomobilistiku de quo.  Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tas-7 la' Ottubru, 1992 fejn innominat lill-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali sabiex jirrelata dwar il-kaz.

Rat ir-relazzjoni  tal-Perit Legali Dr. Philip Manduca, fejn wara li ha konjizzjoni tax-xhiedha u d-dokumenti kollha kkonkluda hekk kif gej:-

"*Primarjament il-konvenuta ghandha tigi dikjarata responsabbli ghall-incident li sehh bejn il-konvenuta u l-attrici;*

*Rigward it-tieni w it-tielet talba, l-esponent se jillikwida d-danni fls-somma* ta *Lrn97 (seba' u disghin lira Maltin) li jirrapresenta l-ispejjes inkorsi mill-attrici ghall-hsara li sofriet rnlnhabba n-negligenza tal-konvenuta.  Ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas* din *is-somma ta' Lm97 stante li l-hsarat kagonati lill-vettura tal-attrici mill-vettura ta' quddiemha ma ghandiex tirrispondi ghalihom il-konvenuta.*

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat il-provi w ir-relazzjoni peritali l-Qorti hija tal-fehma illi l-perit legali wasal ghall-konkluzzjoni gusta, fis-sens illi l-konvenuta ghandha tigi dikjarata responsabbli biss ghall-hsarat kagjonati fuq wara tal-karrozza ta' l-attrici, stante li ma giex ippruvat illi l-konvenuta kienet responsabbli ghall-hsarat li graw fuq quddiem tal-karozza taghha, u ghalhekk il-likwidazzjoni ghad-danni ghandha tkun ghall-ammont ta' Lm97 u mhux l-ammont kollu ta' danni li sofriet l-attrici fl-incident, skond id-dokumenti li esibiet.

Ghandu jinghad f'dan ir-rigward illi l-konvenuta, tramite d-difensur taghha, rremettiet ruhha ghar-rapport peritali fis-seduta tas-6 ta' Lulju 1998 meta gie mahluf ir-rapport. F'din is-seduta l-attrici w id-difensur taghha ma dehrux u l-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghall-11 ta' Dicembru 1998 fejn id-difensur ta' l-attrici talab, u gie lilu koncess, il-fakolta' li jaghmel nota ta' kritika tar-rapport peritali. Din in-nota pero', baqghet ma saritx, minkejja illi t-terminu moghti gie estiz fis-seduta tas-17 ta' Mejju 1999. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti jidhrilha illi hija gustifikata tasal ghall-konkluzzjoni illi l-attrici ma kellha ebda kritika serja biex taghmel fir-rigward tar-

rapport peritali liema prova ghalhekk, ukoll ghar-ragunijiet fuq moghtija, ghandha tigi accettata.

Finalment ma jidhirx illi t-talba maghmulha fis-6 ta' Lulju 1998 ghall-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni giet fil-fatt milqugha. Il-Qorti ghalhekk u ghal kull buon fini tordna l-korrezzjoni mitluba aktar biex il-konnotati tal-konvenuta jkunu dawk korretti milli ghax jidhrilha li din il-korrezzjoni kienet wahda necessarja. *In ogni caso* din il-korrezzjoni zgur illi ma tbiddilx is-sustanza ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuta.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-20 ta' Frar 1992 f'Mosta Road, Lija;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici bhala rizultat ta' l-imsemmi incident fl-ammont ta' sebgha u disghin lira Maltija (Lm97);

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas din is-somma ta' sebgha u disghin lira Maltija (Lm97) hekk likwidata lill-attrici.

Peress illi t-talbiet attrici gew milqugha jsegwi illi l-konvenuta ghandha tbati proporzjon akbar ta' l-ispejjez tal-kawza pero' mhux l-ispejjez kollha u dan in vista tad-dinamika ta' l-incident u tal-konkluzzjoni peritali. Zewg terzi (2/3) mill-ispejjez ghalhekk ghandhom jithallsu mill-konvenuta filwaqt illi terz (1/3) mill-ispejjez jithallsu mill-istess attrici.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.